A.L. 40 ta' l-2007

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni ta' l-2007 dwar Għajnuna f' Każijiet ta' Transitu għal Raġunijiet ta' Tneħħija bl-Ajru

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dan l-Ordni li ġej:

Taqsima I

Għan, Tifsir u Skop

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' l-2007 dwar Għajnuna f'Każijiet ta' Transitu għal Raġunijiet ta' Tneħħija bl-Ajru.

(2) L-għan ta' dan l-Ordni huwa :

(a) biex jiġu mfissra l-miżuri ta' għajnuna li għandhom jingħataw mill-awtoritajiet Maltin fl-ajruporti fil-każ ta' transitu fir-rigward ta' tneħħija bl-ajru ta' ċittadin ta' pajjiż terz mhux skortati u skortati kif ukoll ir-regoli li għandhom jiġu applikati meta l-awtoritajiet Maltin jistgħu jagħmlu dawk it-talbiet għall-għajnuna fi transitu lejn Stati Membri oħra; u

(b) biex jittrasponi d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/110 KE tal-25 ta' Novembru, 2003 dwar għajnuna f'każijiet ta' transitu għal raġunijiet ta' tneħħija bl-ajru.

(3) Dan l-Ordni għandu mingħajr preġudizzju japplika għall-obbligi li joħorġu mill-Konvenzjoni ta' Ginevra li għandha x'taqsam ma' l-istatus ta' rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar, 1967, għall-konvenzjonijiet internazzjonali għad-drittijiet umani u tal-libertajiet fundamentali u għall-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-estradizzjoni ta' persuni.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li mhijiex ċittadin ta' Stat Membru;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"skorta" tfisser il-persuni kollha mill-Istat Membru li qed jippreżenta t-talba responsabbli biex jakkompanjaw iċ-ċittadin tal-pajjiż terz, inklużi persuni responsabbli għall-kura medika u l-interpreti;

"Stat Membru li jippreżenta t-talba" tfisser l-Istat Membru li jinforza ordni ta' tneħħija fil-każ ta' ċittadin ta' pajjiż terz u jitlob transitu mill-ajruport ta' Stat Membru ieħor;

"Stat Membru mitlub" jew "Stat Membru fi transitu" jfissru l-Istat Membru li permezz ta' l-ajruport tiegħu għandu jsir it-transitu;

"transitu bl-ajru" tfisser il-passaġġ ta' ċittadin ta' pajjiż terz u, jekk meħtieġ, l-iskorta fiż-żona ta' l-ajruport ta' l-Istat Membru li jippreżenta t-talba għall-finijiet ta' tneħħija bl-ajru;

"uffiċjal prinċipali ta' l-imigrazzjoni" tfisser il-persuna maħtura f'dik il-kariga mill-Prim Ministru skond l-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, u tinkludi, fil-limiti ta' kull awtorità mogħtija mill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni skond l-artikolu 3(3) ta' l-Att imsemmi, kull uffiċjal pubbliku li jkun qed jaġixxi taħt dik l-awtorità.

Kap. 217.

Taqsima II

Regoli applikabbli meta Malta tirċievi talba għal transitu

Riċevuta ta' talba għal transitu.

3. (1) L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jkun l-awtorità responsabbli li tirċievi t-talbiet għall-għajnuna għat-transitu ta' ċittadini ta' pajjiż terz f'każijiet ta' tneħħija bl-ajru minn Stati Membri oħra u għandu jiddeċiedi kif u safejn għandha tiġi provduta għajnuna f'dak ir-rigward.

(2) Meta l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jirċievi talba għal għajnuna msemmija fis-subartikolu (1), hu għandu javża lill-Istat Membru li jippreżenta t-talba dwar id-deċiżjoni tiegħu fi żmien tmienja w erbgħin siegħa minn meta jirċievi t-talba:

Iżda l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jista' jestendi dak l-imsemmi perjodu ta' tmienja w erbgħin siegħa b'perjodu massimu ta' tmienja w erbgħin siegħa oħra f'każijiet hekk debitament ġustifikati.

(3) Mingħajr ħsara għall-konsultazzjonijiet ma' l-Istat Membru li jippreżenta t-talba u fil-limitu tal-mezzi disponibbli u

b'konformità ma' standards internazzjonali rilevanti, l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni għandu jipprovdi kull miżura ta' assistenza meħtieġa mill-inżul sakemm jiġi żgurat li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz telaq minn Malta:

Iżda għajnuna ta' emerġenza medika għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew l-iskorta tiegħu, fejn meħtieġa, għandha tkun provduta mingħajr konsultazzjoni reċiproka ma' l-Istat Membru li jippreżenta t-talba.

(4) Fl-għoti ta' din l-għajnuna, l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jista' jitlob l-għanjuna minn awtorijtajiet oħra f'Malta, inklużi l-awtoritajiet tas-saħħa fejn din tkun kunsidrata meħtieġa.

Rifjut tat-talba għal transitu bl-ajru.

4. (1) L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jista' jirrifjuta talba għal transitu bl-ajru, riċevuta minn Stat Membru ieħor, jekk:

(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa akkużat b'reati kriminali f'Malta jew huwa mfittex sabiex jiskonta xi sentenza f'Malta;

(b) it-transitu minn Stati Membri oħra jew id-dħul fil-pajjiż destinatarju m'huwiex possibbli;

(ċ) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika, għas-saħħa pubblika jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' Malta; jew

(d) l-għajnuna mitluba hija impossibbli f'xi mument partikolari għal raġunijiet prattiċi:

Iżda l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni għandu, minnufih, jinforma lill-Istat Membru li jippreżenta t-talba b'data qrib kemm jista' jkun tad-data mitluba oriġinarjament meta t-transitu bl-ajru jista' jiġi assistit, sakemm il-kondizzjonijiet l-oħra jiġu mħarsa.

(2) L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jista', ukoll jekk it-talba għal transitu diġà ġiet awtorizzata, jirrevoka t-talba għal għajnuna jekk jiġu sussegwentement skoperti ċirkostanzi skond it-tifsira tas-subartikolu (1), li jiġġustifikaw ir-rifjut tat-transitu.

(3) L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni għandu hekk javża minnufih lill-Istat Membru li jippreżenta t-talba bir-rifjut skond is-subartikolu (1) jew bir-revoka ta' l-awtorizzazzjoni skond is-subartikolu (2) jew b'xi raġuni oħra għaliex it-transitu mhuwiex possibbli u għandu jagħti r-raġunijiet għal dan ir-rifjut jew din ir-

revoka.

Għanjuna li għandha tingħata mill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni.

5. (1) Meta transitu minn Malta jiġi miftiehem għall-finijiet ta' tneħħija bl-ajru minn Stat Membru ieħor, l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni għandu jiltaqa' maċ-ċittadin ta' pajjiż terz ħdejn l-ajruplan u jeskortah fiż-żona ta' transitu ta' l-ajruport sabiex jiżgura li ċ-ċittadin jimbarka fuq it-titjira li jmiss.

(2) L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jkun responsabbli biex jirċievi, jżomm u jibgħat id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar meħtieġa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li qed jitneħħa partikolarment fil-każ ta' tneħħijiet mhux skortati.

(3) L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni għandu jiżgura li s-sostenn meħtieġ u, fejn meħtieġ, kura medika ta' emerġenza, ikunu provduti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz u, jekk meħtieġ, l-iskorta tiegħu.

(4) Fil-każ ta' transitu mhux skortat, l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni għandu javża lill-Istat Membru li jippreżenta t-talba bil-post u l-ħin tat-tluq minn Malta taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u għandu javża l-imsemmi Stat jekk kienx hemm xi inċidenti serji matul it-transitu taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Kap. 217.

(5) L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jista', skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni:

(a) iqiegħed u jakkomoda ċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'faċilità ta' sigurtà; u

(b) juża mezzi leġittimi biex ma jħallix jew biex iwaqqaf kull tentattiv ta' resistenza għat-transitu taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

(6) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 6, l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jista', f'każijiet fejn it-twettieq ta' l-operazzjonijiet ta' transitu ma jistgħux jiġu żgurati minkejja l-għajnuna provduta mill-Istat Membru li jippreżenta t-talba, fuq talba minn u b'konsultazzjoni ma' l-Istat Membru li jippreżenta t-talba, jieħu l-miżuri kollha ta' għajnuna meħtieġa biex ikompli l-operazzjoni ta' transitu.

(7) Meta l-Istat Membru li jippreżenta t-talba jkun obbligat li jdaħħal mill-ġdid ċittadin ta' pajjiż terz minħabba fil-fatt li t-transitu bl-ajru ġie rifjutat jew revokat mill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni, jew li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz daħal Malta mingħajr awtorizzazzjoni matul it-transitu, t-tneħħija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz lejn pajjiż ieħor ta' transitu jew il-pajjiż destinatarju, jew li l-imbarkar tat-titjira li jmiss ma rnexxiex jew li t-transitu bl-ajru mhux possibbli

għal xi raġuni oħra, l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni għandu jgħin liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz biex jerġa’ jidħol mill-ġdid fl-Istat Membru li jippreżenta t-talba u dan l-aħħar imsemmi għandu jħallas l-ispejjeż li intnefqu fir-ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Taqsima III

Regoli applikabbli fejn Malta tagħmel talba għal transitu

Talba għal transitu.

6. (1) Qabel ma ssir talba għal għajnuna għal transitu bl-ajru, l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni għandu jeżamina jekk ikunx possibbli li tintuża titjira diretta lejn il-pajjiż destinatarju u jekk din ma tkunx possibli, għandu jitlob transitu bl-arju b’permezz ta’ Stat Membru ieħor:

Iżda, fil-prinċipju, din it-talba m’għandhiex issir jekk il-miżuri ta’ tneħħija jeħtieġu bidla ta' ajruport fuq it-territorju ta' l-Istat Membru mitlub.

(2) L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni għandu jagħmel arranġamenti xierqa sabiex jiżgura li l-operazzjoni ta’ transitu ssir fl-iqsar żmien possibbli u għandha, f’kull każ, ma tieħux aktar minn erba’ w għoxrin siegħa:

Iżda, fil-każijiet fejn it-twettieq ta’ operazzjonijiet ta’ transitu ma jistgħux jiġu żgurati minkejja l-għajnuna provduta mill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni, u li teħtieġ il-konsultazzjoni bejn iż-żewġ partijiet biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jissoktaw l-operazzjonijiet ta’ transitu, iż-żmien jista’ jiġi estiż sa massimu ta’ tmienja w erbgħin siegħa.

(3) It-talba għal transitu skortat jew mhux skortat u xi għajnuna oħra relatata għandha ssir mill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni bil-miktub skond il-formula li tinsab fl-Iskeda ta' dan l-ordni u għandu jiżgura li t-talba tasal għand l-Istat Membru mitlub mill-aktar fis possibbli u fl-ebda każ mhux aktar tard minn jumejn qabel it-transitu:

Iżda dan il-limitu ta' żmien jista' ma jiġix enforzat partikolament f’każijiet ta’ natura urġenti u f’każijiet hekk debitament ġustifikati.

(4) L-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni m’għandux jibda’ t-transitu bl-ajru mingħajr l-approvazzjoni ta’ l-Istat Membru mitlub:

Iżda jekk l-Istat Membru mitlub ma jweġibx fiż-żmien stipulat ta’ tmienja w erbgħin siegħa, l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni jista’ jibda’ l-operazzjonijiet ta’ transitu b’permezz ta’

avviż:

Iżda wkoll l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni jista’ jilħaq ftehim bilaterali jew multilaterali jew arranġament ma’ wieħed jew aktar Stati Membri, li għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni, sabiex l-operazzjonijiet ta’ transitu jistgħu jinbdew permezz ta’ avviż mill-Istat Membru li jippreżenta t-talba biss.

(5) L-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu ma’ l-għoti ta' kura medika ta’ emerġenza u l-għoti ta’ sostenn liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz u, fejn meħtieġ l-iskorta tiegħu, għandhom jitħallsu mill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni bħala l-awtorità responsabbli fl-Istat Membru li jippreżenta t-talba, meta jirċievi l-informazzjoni xierqa fir-rigward tal-kriterji ta’ kwantifikazzjoni ta’ l-ispejjeż mill-Istat Membru mitlub.

L-obbligu ta’ l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjon biex jerġa jdaħħal mill-ġdid.

7. L-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni għandu jara li jdaħħal mill-ġdid liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz u għandu jħallas l-ispejjeż li intnefqu fir-ritorn jekk:

(a) l-awtorizzazzjoni tat-transitu bl-ajru ġiet rifjutata jew revokata mill-Istat Membru mitlub;

(b) iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz daħal fl-Istat Membru mitlub mingħajr awtorizzazzjoni matul it-transitu;

(ċ) it-tneħħija taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz lejn pajjiż ieħor ta’ transitu jew lejn il-pajjiż destinatarju, jew l-imbarkar tat-titjira li jmiss, ma rnexxewx; jew

(d) it-transitu bl-ajru mhux possibbli għal xi raġuni oħra.

Setgħat ta' l-iskorti.

8. (1) Fit-twettieq ta’ operazzjonijiet ta’ transitu, is-setgħat ta’ l-iskorti għandhom ikunu limitati għal difiża personali u, fin-nuqqas ta’ uffiċjali għall-infurzar tal-liġi mill-Istat Membru ta' transitu jew sabiex jiġu mgħejjuna l-uffiċjali għall-inforzar tal-liġi, l-iskorti jistgħu jieħdu miżuri raġonevoli u proporzjonati bħala rispons għal riskju immedjat u serju sabiex jipprevjenu milli jaħrab iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jikkawża ħsara lilu nnifsu jew lil terza persuna, jew jagħmel dannu lill-proprjetà:

Iżda, taħt kull ċirkostanza, l-iskorti għandhom josservaw il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru mitlub.

(2) Matul it-transitu bl-ajru, l-iskorti m’għandhomx iġorru armi, għandhom jilbsu ħwejjeġ pajżana u għandhom jipprovdu mezzi xierqa ta’ identifikazzjoni inkluż l-awtorizzazzjoni ta’ transitu

mibgħuta mill-Istati Membru mitlub jew, fejn ikun applikabbli u mat-talba ta' l-Istat Membru mitlub, l-avviż mill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni kif imsemmi fl-arktikolu 5(4).

B 528

SKEDA

(Artikolu 6(3))

Talba għal transitu għall-fini ta' tneħħija bl-arju

(Entità li titlob) Awtorità:	Post / Data:
	Telefon/Fax/e-mail:
Indirizz:	Numru ta' l-uffiċjal:
	Firma:
(Entità mitluba) Awtorità:	
Indirizz:	

Tagħrif ġenerali dwar iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li dwaru għandha x'taqsam it-talba ta' transitu

Nru. tat-Talba	Kunjom	Isem	m/f	Data tat-twelid	Post tat-Twelid	Cittadinanza	Dokument ta' l-Ivjaġġar Nru/Tip/ Validità	Numru tal-viża maħruġa mill-pajjiż terz (jekk meħtieġ)
1								
2								

Dettalji tat-titjira

Nru tat-titjira	Minn	Data tat-tluq	Hin	Lejn	Data tal-wasla	Hin
1						
2						

Tagħrif Partikolari

Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa akkompanjat b'iskorta?	___ *Iva*	___ *Le*	*Ismijiet u funzjonijiet:* _____
Hija rakkomandata l-preżenza fl-ajruport ta' pulizija bħala skorta?	___ *Iva*	___ *Le*	*Jekk hu hekk speċifika:* _____
Meħtieġa kura medika?	___ *Iva*	___ *Le*	
Marda kontaġġjuża identifikabbli(*)?	___ *Iva*	___ *Le*	*Jekk hu hekk speċifika:* _____
Tentattivi preċedenti għat-tneħħija li ma rnexxewx?	___ *Iva*	___ *Le*	*Jekk hu hekk niżżel ir-raġunijiet:*

*Din l-informazzjoni għandha tingħata skond il-liġi nazzjonali u d-dritt internazzjonali applikabbli.

B 530

Aktar kummenti

NB: Fiż-żmien li saret it-talba, ma kienet magħrufa l-ebda raġuni għar-rifjut skond l-artikolu 4(1) u (2)

Deċiżjoni ta' l-entità mitluba

It-transitu huwa awtorizzat ☐ It-transitu mhuwiex awtorizzat ☐ Raġunijiet:
_____ _____ għal/Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni (Isem / Firma / Data)